MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Numru 1418/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Julien Chardron**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Julien Chardron ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, bin Claude u Sylvie neè Perrault, imwieled Angers fis-7 ta’ Novembru 1988, u residenti “Louise” Triq l-Orsolini, Gwardamangia, Pieta’, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 69116(A) u ta’ Passaport Franciz bin-Numru 11AF 42866, talli:

1. Nhar il-21 ta’ Dicembru 2011 bejn it-03:00 a.m. u l-05:00 a.m., f’St.Rita Steps, Paceville, San Giljan, gewwa

“Nordic Bar” flimkien ma’ persuna ohra li mhux maghrufa kkommetta serq ikwalifikat bil-vjolenza, hin, mezz u valur, ta’ xorb alkoholiku ghad-dannu tal-kumpanija Fenris Trading Ltd. u dan skond l-Artikolu 261(a),(b),(c) u (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Talli ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi kkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€164.69) però ma tiskorrix elf mija u sittax-il Euro u serbgha u erbghin centezmu (€1,116.47) ghad-dannu tal-kumpanija Fenris Trading, u dan skond l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat ix-xhieda u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz, u senjatament ix-xhieda u r-Relazzjonijiet ta’ l-Esperti l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Avukat Dottor Martin Bajada mahtura fl-inkjesta relattiva ghal dan il-kaz, kif ukoll ix-xhieda u stima moghtija minn Dino Schembri waqt is-seduta tat-3 ta’ Jannar 2012, kif ukoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-25 ta’ Dicembru 2011 fl-Ufficcju ta’ l-Ispettur Godwin Scerri;

Semghat lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghat illi fil-mori tal-proceduri l-imputat ghadda lill-Ispettur Godwin Scerri s-somma komplessiva ta’ elfejn u hames mitt Euro (€2,500) biex jaghmel tajjeb ghall-valur ta’ dik il-kwantità ta’ xorb misruq minn Nordic Bar u li ma giex ritornat lil Fenris Trading Limited, ghall-hsarat kawzati fil-Fenris Bar u dana kif likwidati mill-Espert Dr. Anthony Cutajar u ghall-ispejjez konessi mal-hatra ta’ Esperti fl-inkjesta li kienet infethet dwar dan il-kaz;

Semghat illi l-Ispettur Godwin Scerri ddepozita taht l-Awtorità tal-Qorti s-somma ekwivalenti ghall-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ Esperti fl-inkjesta li kienet infethet

dwar dan il-kaz u b'hekk l-obbligu ta' l-imputat qual' volta nascenti mill-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, llum jinsab imwettaq;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li ssibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, irregistra ammissjoni bikrija u li fil-mori tal-proceduri hallas il-valur ta' dik il-kwantità ta' xorb misruq minn Nordic Bar u li ma giex ritornat lil Fenris Trading Limited u l-hsarat kawzati fil-Fenris Bar u dana kif likwidati mill-Espert Dr. Anthony Cutajar fir-Relazzjoni tieghu, kif ukoll hallas ghall-ispejjez konessi mal-hatra ta' Esperti fl-inkjesta li kienet infethet dwar dan il-kaz.

Ghaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 31, 261(a),(b),(c) u (f), 262(1)(b), 263(a), 264(1), 267, 270, 276, 277(b) u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal dsatax-il (19) xahar prigunerija, madanakollu peress illi fil-fehma Taghha f'dan il-kaz jissussistu cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta' dan it-terminu ta' prigunerija, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi t-terminu ta' dsatax-il (19) xahar prigunerija ghal perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk matul il-perijodu operattiv jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u

kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------